**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru: 5/2024 SG**

**Lilly sive Emanuela Moore**

**Vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Illum, 8 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat ta' Lilly sive Emanuela Moore ppreżentat fis-16 ta' Jannar 2024 li fih ġie mitlub:

1. *«Tiddikjara illi l-attrici hija konsistentement imsejha u hija maghrufa bhala Lilly;*

2. *Tordna lill-konvenut jikkoregi 'l fuq imsemmi Att tat-Twelid bin-numru 67 tas-sena 1959 sabiex fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' jidher l-isem 'Lilly' minflok l-isem 'Emanuela' kif ukoll fil-kolonna 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jidher l-istem 'Lilly' minflok l-isem 'Emanuela' u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tal-attrici.*

3. *Tordna li dan il-bdiel fl-att tat-twelid tal-attrici jigi rifless ukoll f' kull att tal-istat civili relattiv ghall-attrici a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu XVI tal-Ligijiet ta' Malta u li l-konvenut jaghmel il-modifiki opportuni;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa minn issa ingunt biex jidher in subizzjoni.*»

**Rat** ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex fejn ġie eċċepiet:

1. «*Illi preliminarjament ghandu jinghad li ai termini tal-artikolu 254 tal-kapitolu 16 tal-ligjiet ta' malta, ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawża odjerna fil-gazzetta tal-gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh.*

2. *Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m' huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;*

3. *Illi mill-att tat-twelid ta' Emanuela Moore innumerate 67/1959 jirriżulta illi hija twieldet Victoria, Ghawdex fis-26 ta' Jannar 1959 lil Francis Sacco u lil Grace Sacco nee' Cini u li 'Emanuela' kien iddikjarat bhala l-isem li bih hija ghandha tigi msejjha;*

4. *Illi kien il-missier, Francis Sacco, li ghamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binthom Emanuela u li ddikjara kif hija ghandha tigi msejha. Dan jirriżulta mic-certifikat tat-twelid iddettaljat , kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkat Dok A;*

5. *Illi r-rikorrenti tghid li minkejja dak iddikjart fuq l-Att tat-Twelid Taghha hija dejjem kienet imsejha 'Lilly' u ghalhekk ipprocediet bil-kawża istanti, sabiex l-isem indikat fuq l-att tat-twelid taghha jkun jirrifletti l-isem li effettivament dejjem kienet imsejha bih;*

6. *Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta m' hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja ghal skopijiet pubblici intiża esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfużjoni u diordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m' ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciemnt tixtieq tbiddel isimha, iżda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirriżulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenża pubblika;*

7. *Illi bla hsara ghall-premess, fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, fejn qed jintalab li t-tibdil rikjest jigi rifless f' kull att tal-istat civili iehor*

*relattiv ghall-istess Emanuela Moore, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili, korrezzjoni tista' ssir biss f' dawk l-atti tal-istat civili relattivi ghall-persuna, u fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjui ta' dik il-persuna, liema atti jridu jigu ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva taghhom. Illi ghaldaqstant f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandhom jisspecifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;*

8. *Illi bla hsara ghall-premess, id-Direttur intimat jisottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas da parti tieghu u ghalhekk ma' ghandhux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawzi istanti;*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ngunta in subizzjoni.*»

**Rat** id-dokumenti ppreżentati;

**Rat** li din il-kawza ġiet differita għas-sentenza;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Ikkunsidrat**

Illi l-attriċi ppreżentat din il-kawża ai termini tal-Artikolu 253 et sequitur tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta billi ġiet reġistrata bl-isem ta' "Emanuela" fuq l-att tat-twelid tagħha, filwaqt li skont l-istess attriċi, hija dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' "Lilly".

Illi l-Artikoli 253 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Il-Qorti qieset li l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta saret debitament.

Il-Prim'Awla tal-Qrati Ċivili fil-kawża deċiża fil-15 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Calleja -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, spjegat li l-liġi ma timponix li biex issir kawża taħt l-artikoli msemmija jrid

ikun hemm żball iżda biżżejjed il-prova li r-rikorrenti tkun dejjem issejħet bl-isem li trid iżżid fiċ-ċertifikat.

Illi l-Qorti hija soddisfatta mill-provi kollha esibiti li l-attriċi ppruvat li kienet u hija magħrufa konsistentement bl-isem ta' "Lilly" u mhux "Emanuela". Għaldaqstant it-talba attriċi jistħoqqilha li tiġi akkolta. Madanakollu, din il-Qorti żżid li ma jirriżultax li sar żball fir-reġistrazzjoni tal-isem fuq l-atti pubbliċi. Dan ser jinsab rifless fil-kap tal-ispejjeż tal-kawża li ser jiġu imposti fuq ir-rikorrenti.

## DECIDE

**Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dawk hawn deċiż, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan li:**

1. **Tiddikjara illi l-attriċi hija konsistentement imsejħa u hija magħrufa bħala Lilly;**

2. **Tordna lill-konvenut jikkoreġi 'l fuq imsemmi Att tat-Twelid bin-numru 67 tas-sena 1959 sabiex fil-kolonna 'Ismijiet mogħtija' jidher l-isem 'Lilly' minflok l-isem 'Emanuela' kif ukoll fil-kolonna 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' jidher l-isem 'Lilly' minflok l-isem 'Emanuela';**

3. **Tordna li dan il-bdil fl-att tat-twelid tal-attriċi jiġi rifless ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-attriċi a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu XVI tal-Liġijiet ta' Malta u li l-konvenut jagħmel il-modifiki opportuni;**

4. **Tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi**

**notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti ai termini tal-istess Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.**

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**